MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Numru. 468/92
Kawza Numru. 3

**Il-Pulizija**

**vs**

**Pinu Bigeni**

**Illum 26 ta’ Ottubru 2011**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Pinu Bigeni ta’ Holy Mary, St. Elizabeth Street, Xewkija, Ghawdex :

Talli f’Ghawdex, ghamilt jew gieghelt jew hallejt li jsir xi haga f’Off San Blas Street, Nadur, Ghawdex li ghaliha huwa mehtieg permess skond l-Artikolu 16(1) tal-Ligijiet tal-Pulizija Kapitolu 10, minghajr dak il-permess, konsistenti dan il-ksur filli bnejt bla permess.

Ghaldaqstant il-Qorti hija mitluba li tappunta ghas-smiegh dan il-kaz b'urgenza skond is-Subartikolu 7 tal-Artikolu 17 tal-Ligijiet tal-Pulizija, Kapitolu 10, u li jigu applikati d-disposizzjonijiet tas-Subartikolu (1) (3) u (8) tal-imsemmi Artikolu 17. fl-ahharnett il-Qorti hi mitluba tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' xi dritt li l-hati ghandu fi jew fuq, proprjeta' immobbli li dwarha sar ir-reat, u dan skond l-Artikolu 17A tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet il-provi kif ukoll l-ammissjoni tal-imputat;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikoli 16 u 17 tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta' Malta kif salvati permezz tal-artikolu 63 (1) tal-Att I tal-1992;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitt euro (€100) ;

Tordna lill-imputat inehhi l-izvilupp li sar bla permess u jregga lura s-sit ghal dak li kien qabel l-istess zvilupp u taht id-direzzjonijiet li tista' timponi l-MEPA kompriz il-Method Statement impost mill-MEPA u li jifforma parti mill-atti ta' din il-kawza u dan fuq penali ta' mitt euro (€100.00) kull jum ghal kull jum ta' nuqqas.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------